# ID-DAWL

OTTUBRU 2023 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 70

**"Tassew li dawk kollha li jemmnu huma aħwa. Mela agħmlu paċi bejn l-aħwa u ibżgħu minn Alla ħalli tkun murija lilkom il-ħniena."**



L-Umiltà u s-Safa | It-Tnaqqis tal-Faqar | Fraternità Universali | Il-Postijiet ta' Qima

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# L-UMILTÀ U S-SAFA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Il-Ħallieq tagħna jridna ngħixu ħajja sempliċi u umli, għax l-arroganza twassal għal ħafna ħażen. Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], il-Messija Mwiegħed u l-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya, jgħid:

"Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, l-aqwa mogħdija għall-purifikazzjoni hija li wieħed jitbiegħed mill-arroganza u l-kburija – kemm dik intellettwali, familjali jew finanzjarja. M'hemm l-ebda metodu aqwa minn dan. Meta Alla l-Omnipotenti jagħti l-intuwizzjoni lil xi persuna, wieħed jintebaħ li kull raġġ ta' dawl li jista' jilliberana minn diversi forom ta' dlamijiet jiġi mis-smewwiet. L-umanità hija l-ħin kollu fil-bżonn ta' din l-illuminazzjoni ċelestjali. L-għajn stess ma tistax tara jekk ma jkunx hemm id-dawl tax-xemx, li wkoll joriġina mis-smewwiet.

Bl-istess mod, l-illuminazzjoni ġewwiena, li twarrab kull għamla ta' dlam u minflokha tqiegħed id-dawl divin tal-onestà u s-safa, ukoll tiġi minn hemm fuq. Jiena niddikjara mingħajr l-ebda eżitazzjoni li s-sens ta' ġustizzja, il-fidi, il-qima, u s-safa ta' persuna huma kollha rigali ċelestjali. Kollox huwa marbut mal-grazzja eċċezzjonali ta' Alla Omnipotenti; Huwa jew iqawwiha jew ineħħiha."

(*Malfużat* [1988], Vol. 4, p. 213)

**ID-DAWL**

OTTUBRU 2023 – Numru 70
Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

**INDEX**

Humility and meekness 02
Poverty alleviation 03
Universal brotherhood 04
Places of worship 06
All religions be respected 07

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** iStock.com-802290022
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# IL-KORAN U T-TNAQQIS TAL-FAQAR




Matul dawn l-aħħar snin l-inflazzjoni żdiedet b'mod drastiku, b'hekk il-ħajja saret aktar diffiċli għal dawk li m'għandhomx biżżejjed riżorsi, u dan wassal biex ħafna familji qed isibuha diffiċli biex ilaħħqu mal-ħajja, kullimkien fid-dinja inkluż Malta. Skont studju riċenti tal-Caritas, f'Malta, il-kont medju tal-ikel għall-familja għola b'20% f'dawn l-aħħar tliet snin, iżda għall-anzjani l-kont tal-ikel żdied bi 30% mill-2020. Din iż-żieda fl-inflazzjoni inkwetat lil ħafna familji għax din affettwat ukoll il-ħwejjeġ bażiċi tal-ħajja bħall-ikel u l-mediċina. Din iż-żieda veloċi fl-inflazzjoni qed tolqot lill-fqar u għalhekk il-faqar qed jiżdied.

## IS-SUPREMAZIJA TA' ALLA

Il-Koran Imqaddes ifisser il-filosofija tiegħu dwar it-tnaqqis tal-faqar bid-dikjarazzjoni tas-supremazija ta' Alla Wieħed u billi jiċħad l-idea ta' persuna waħda individwali jew grupp partikolari ta' nies li jkollhom id-dritt esklussiv fuq ir-riżorsi naturali eżistenti, anzi jemmen li kulħadd għandu jkollu s-sehem leġittimu tiegħu f'dawk ir-riżorsi. Kieku r-riżorsi eżistenti jitqassmu b'ġustizzja u ekwità bejn in-nazzjonijiet kollha, dan ikun biżżejjed bħala mezz effettiv biex jitnaqqas il-faqar. Huwa jgħid: **"Huwa hu li ħoloq dak kollu li jinsab fl-art..."** (Il-Koran, 2:30)

# FRATERNITÀ UNIVERSALI

Barra minn hekk, il-Koran Imqaddes jippromwovi l-idea ta' fraternità universali bħala għodda biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi fis-soċjetà u biex jitqiegħed il-pedament għall-ekwità, ġustizzja u onestà. Il-Koran Imqaddes jgħid:

> **"Tassew li dawk kollha li jemmnu huma aħwa. Mela agħmlu paċi bejn l-aħwa u ibżgħu minn Alla ħalli tkun murija lilkom il-ħniena."** (49:11)

Il-kunċett ta' fraternità huwa mfisser aktar fil-vers li ġej:

> **"U għinu lil xulxin fil-ġustizzja u l-mogħdrija, iżda tgħinux lil xulxin fid-dnub u t-trasgressjoni."** (5:3)

Skont il-filosofija Koranika l-bnedmin kollha huma bħal familja kbira, għalhekk, bħalma nieħdu ħsieb ta' xulxin fil-familji qrib tagħna, hekk ukoll għandna nkunu ġenerużi u nestendu l-għajnuna tagħna lill-proxxmu kollu tagħna. Kieku dan il-prinċipju jiġi adottat illum, jiena persważ li ma jkunx hemm familja waħda li ma jkollhiex il-ħwejjeġ bażiċi tal-ħajja. Din il-fraternità universali tibni t-triq għall-paċi dejjiema, għas-sigurtà, għall-armonija, għat-trankwillità u għall-kuntentizza soċjali.



# IT-TIĠMIGĦ TAL-FLUS

Barra minn hekk, il-Koran Imqaddes iħeġġeġ lil kulħadd biex jaħdem qatigħ ħalli jlaħħaq mal-ħtiġijiet ta' kuljum, u fl-istess ħin jipprojbixxi wkoll it-tiġmigħ tal-flus f'termini ta' deheb u fidda jew iż-żamma tal-assi fil-banek. Aktar minn hekk, huwa jinkoraġġixxi lill-fidili biex jinvestu u jiċċirkolaw il-flus fl-ekonomija ħalli jinħolqu aktar xogħlijiet u opportunitajiet għall-pajjiż kollu. Il-Koran jgħid li:

> **Għidilhom (Muħammad): "Sidi tabilħaqq ikattar il-ġid lil min irid mill-qaddejja Tiegħu, u jnaqqsu (lil min jidhirlu). Iżda kull ħaġa li tonfqu (għall-kawża Tiegħu), Huwa jroddha (lura lilkom). Huwa l-Aqwa Wieħed li jagħti l-ġid u l-providenza."** (34:40)

Jekk nanalizzaw ftit insibu li ħafna drabi l-prezzijiet tal-ikel jiżdiedu minħabba t-tħażżin, għaldaqstant l-Iżlam isostni li l-provvisti m'għandhomx jinżammu 'l bogħod mis-suq bl-iskop li mbagħad jogħlew il-prezzijiet. Jekk persuna taħżen il-provvisti b'dan il-għan, tkun qed teħodha kontra l-prinċipji Iżlamiċi. Jekk negozjant ikollu l-qamħ iżda jżomm il-provvista 'l bogħod mill-pubbliku bl-iskop li jgħolli l-prezzijiet, hemmhekk ikun qed iwettaq dnub kbir, dejjem skont it-tagħlim Iżlamiku.

## IL-PROJBIZZJONI TAL-INTERESSI

L-Iżlam jipprojbixxi s-self tal-flus bl-interessi u jippromwovi l-idea ta' għajnuna u sapport reċiproku. Il-għaliex, l-interessi jġibu piż żejjed fuq in-negozju u b'hekk inaqqsu l-produttività. Bla dubju, l-interessi kienu l-kawża ewlenija tar-rovina ekonomika u finanzjarja tad-dinja. L-interessi huma fost l-aktar forzi ekonomiċi distruttivi fid-dinja u ostaklu kbir li jwaqqaf lill-fqar milli jimxu 'l quddiem. Il-Koran Imqaddes (2:276) jinkoraġġixxi lill-fidili biex iħaddmu prattiki ta' negozjar leġittimi u jevitaw l-interessi. Huwa jgħid: **"Alla ppermetta n-negozjar u l-bejgħ (u x-xiri), u pprojbixxa l-interessi u l-imgħax."**

# L-IŻLAM U L-POSTIJIET TA' QIMA

L-Iżlam huwa twemmin ta' paċi, imħabba, għożża u armonija. Huwa jgħallem lis-segwaċi tiegħu biex dejjem juru rispett u attenzjoni lejn in-nies ta' reliġjonijiet oħra, għalhekk għandna nirrispettaw lil xulxin għaliex aħna lkoll aħwa ta' xulxin. L-Iżlam iqiegħed il-pedament tal-libertà reliġjuża u jgħallimna li l-bnedmin għandhom il-libertà assoluta biex jemmnu u jipprattikaw liema reliġjon iridu.

Madanakollu, sfortunatament, naraw li xi kultant in-nies u l-postijiet tagħhom ta' qima jkunu fil-mira minħabba d-differenzi reliġjużi tagħhom. Dan imur kontra t-tagħlim Iżlamiku. Ftit ilu rajna xi attakki li saru fuq komunitajiet Insara u l-knejjes tagħhom fil-Pakistan, fl-Indja u postijiet oħra.

Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, reċentament tkellem fit-tul fuq dan is-suġġett waqt il-Ftuħ tal-Moskea Sadiq f'Karben, il-Ġermanja, fit-30 ta' Awwissu 2023. Hawnhekk se nippreżentaw xi siltiet mid-diskors tiegħu; huwa qal:

Din il-moskea tinsab f'nofs il-belt. Dan hu tajjeb ħafna, il-għaliex fejn l-affarijiet materjali jkunu disponibbli għal kulħadd f'belt, hekk ukoll għandu jkun hemm lok ċentrali għal dawk li jħaddnu r-reliġjon, ħalli jkunu jistgħu jinġabru u jagħtu qima 'l Alla. **Din tista' tkun moskea, knisja, jew postijiet oħra ta' qima ta' reliġjonijiet oħra. Meta jkunu kollha flimkien, ikun jidher ċar li r-reliġjon tgħallimna biex nitħalltu u ngħixu flimkien f'armonija sħiħa.**

M'hemmx reliġjon, u m'hemm l-ebda fundatur ta' reliġjon, li għallem l-estremiżmu jew il-ħolqien tad-diżordni. Skont it-twemmin tagħna, il-profeti kollha ntbagħtu minn Alla l-Omnipotenti. Alla bagħathom bi struzzjonijiet li jdawru l-attenzjoni tan-nies lejn il-qima ta' Alla u li jissodisfaw id-drittijiet ta' xulxin; u li jkattru l-paċi, l-imħabba, l-għożża u l-fraternità...



It-twettiq tad-drittijiet huwa tagħlim fundamentali fl-Iżlam. L-Iżlam ma jgħallimx li wieħed għandu jissielet biss għad-drittijiet tiegħu; l-Iżlam iħeġġeġ biex wieħed iħabrek ħalli jiġu fis-seħħ id-drittijiet tal-oħrajn. L-isforz biex jiġu sodisfatti d-drittijiet tal-oħrajn iwassal għat-twaqqif tal-paċi u għal soċjetà mimlija mħabba u għożża. Dan hu eżattament dak li għandna bżonn fid-dinja llum...

## IR-RELIĠJONIJIET KOLLHA GĦANDHOM JIĠU RISPETTATI

Madanakollu, huwa essenzjali li r-reliġjonijiet kollha jiġu rispettati. Biex ir-reliġjonijiet kollha jgħixu ma' xulxin, għat-twaqqif tal-paċi fid-dinja, għat-tixrid tal-imħabba u l-għożża fis-soċjetà, huwa neċessarju li nirrispettaw lil xulxin. U l-Iżlam jordna li r-reliġjonijiet kollha għandhom jiġu rispettati.

## SINAGOGI, KNEJJES U MOSKEJ

L-Iżlam ma jgħallimniex biex nipproteġu l-moskej tagħna biss. Għall-kuntrarju, l-Iżlam jinforma li jekk knisja tiġi attakkata, għandha tkun protetta; jekk sinagoga tiġi attakkata, għandha tkun protetta; jekk tempju jiġi attakkat, għandu jkun protett. Għaldaqstant, dawk li jaħarqu l-knejjes jew iwettqu attakki f'isem l-Iżlam ma jkunux qed jaġixxu skont it-tagħlim tal-Iżlam. Kif għedt diġà, it-tagħlim tal-Koran Imqaddes imur assolutament kontra ta' dan kollu. Il-Koran Imqaddes jgħallem li r-reliġjonijiet kollha għandhom ikunu protetti.

# FIL-QOSOR

## L-IMĠIBA TAJBA

"Jiena ntbagħatt biex inwassal għall-perfezzjoni l-aqwa għemejjel u mġiba tajba."*

"Dawk minnkom li l-aktar inħobb, u li jkunu l-eqreb tiegħi f'Jum il-Qawmien, huma dawk ta' mġiba tajba. U dawk minnkom li l-aktar nobgħod, u li jkunu l-aktar imbegħdin minni f'Jum il-Qawmien, huma dawk li jqasqsu fuq ħaddieħor, li kliemhom mimli ftaħir u dawk li jitkabbru."*

## IL-KBURIJA

"Ma jidħolx il-Ġenna min f'qalbu għandu b'toqol ta' atomu kburija."*

## MIN ISERRAĦ U JGĦIN...

"Kull min iserraħ lil xi bniedem li jemmen minn xi saram ta' din id-dinja, Alla jserrħu minn xi saram ta' Jum il-Qawmien. U min jgħin lil xi ħadd fil-bżonn, Alla jgħinu f'din id-dinja u fl-Oħra. U min jostor xi nuqqas ta' wieħed li jemmen, Alla jostru f'din id-dinja u fl-Oħra. Alla jgħin lill-qaddej li jgħin lil ħuh. U min jaqbad it-triq tal-għerf, Alla jħaffiflu t-triq li twassal għall-Ġenna..."*

## MIN JIBQA' LURA

"Min jibqa' lura minħabba l-għemil ħażin tiegħu, ma jkunlu ta' ebda siwi l-isem tajjeb tal-familja tiegħu."*

## IT-TRIQ GĦALL-ĠENNA

Għidu: "*Assalamu għalajkum* (il-paċi tkun fuqkom ilkoll)! Itimgħu lil ħaddieħor! Ftakru fid-dmirijiet tagħkom lejn qrabatkom! Itolbu lil Alla waqt li n-nies reqdin! Wettqu dan u tidħlu l-Ġenna bis-sliem."*

(*Kliem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa])

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**